TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 17/15/F

**Louise Vella**

**vs**

**Alfred Hili & Company Ltd.**

Illum 14 ta' Lulju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Jannar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), rappreżentanti prezz ta' *Grohe basin mixer* illi beda jittebba'.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *mixer* għall-prezz ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), apparti fittings oħra u dan irriżulta li wara ftit xhur beda jittebba', u għalhekk qed titlob wieħed ġdid.

L-intimat issottometta illi dan qed isir minħabba l-ilma li għandu l-ġebla ġo fih, li wara li tnaddfu jiġi tajjeb u li għandu jibqa' jitnaddaf wara kull darba li jintuża.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi verament wara li jsir it-tindif jiġi nadif, u għaldaqstant jikkonkludi li m'għandu xejn ħażin u li r-riżultat huwa ta' l-ilma illi nsibu ġo Malta li jkun fih il-ġebla.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888